**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 408/2016**

**RF (l-ilmentatrici)**

**vs**

**Curmi & Partners Limited**

**(C-3909) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-15 ta' Jannar 2019**

**L-Arbitru:**

**Ra l-ilment** li qed isir kontra l-provditur tas-servizz rigward ix-xiri ta' ishma ghall-valur ta' GBP90,000, fil-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited*.[1]

Il-provditur tas-servizz xtara ishma ordinarji fil-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* ghan-nom tal-ilmentatrici f'Dicembru tas-sena 2007, hekk kif johrog minn *Purchase Contract Note* mahruga fl-4 ta' Jannar 2008.[2]

Ix-xiri ta' dan l-investiment sar mill-provditur tas-servizz bhala parti minn *discretionary portfolio management service* li huwa kien jipprovdi lill-ilmentatrici. L-ilmentatrici kienet halliet f'idejn il-provditur tas-servizz biex

[1] Ghalkemm diversi dokumentiipprezentati matul dan l-ilment, bhal *Purchase Contract Note* u *Portfolio Reports,* fost ohrajn, jirreferu ghal kumpanija bl-isem ta' *Sherbourne Ventures Limited,* wiehed jinnota li fl-*affidavit* li gie ipprezentat rispettivament minn Neville Curmi (*a fol.* 168) u David Curmi (*a fol.* 175) bhala diretturi u azzjonisti tal-provditur tas-servizz, il-kumpanija in kwistjoni li fiha sar l-investiment hija ndikata bhala *Sherbourne Ventures Limited*. Il-provditur tas-servizz indika, fosthom, f'ittra datata 11 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 65), li din il-kumpanija hija wahda rregistrata f'*Guernsey*. Matul dan l-ilment gie pprezentat estratt tar-registru tal-kumpaniji bl-isem ta' *Sherbourne Ventures Limited* bhala wahda rregistrata f'*Guernsey* (*a fol.* 66). L-isem ta' *Sherbourne Ventures Limited* huwa ghalhekk meqjus bhala l-isem tal-kumpanija li fiha sar l-investiment mill-provditur tas-servizz u li huwa s-suggett ta' dan l-ilment. Ir-referenza ghal *Sherbourne Ventures Limited* f'dokumenti ipprezentati matul dan l-ilment hija ghalhekk mehuda bhala wahda ekwivalenti ghal *Sherbourne Ventures Limited*. L-ebda parti suggett ta' dan l-ilment ma ghamel xi riserva jew kumment rigward l-isem tal-kumpanija.

[2] *A fol.* 13

jamministralha gidha wara li r-ragel taghha, li kien juza s-servizzi tal-provditur tas-servizz, gie nieqes f'Novembru 1998.

L-ilmentatrici kellha tliet portafolli ta' investimenti mal-provditur tas-servizz. L-investiment fl-ishma ordinarji tal-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* kien jaghmel parti minn wiehed minn dawn it-tliet portafolli.

L-ilmentatrici sahqet li hija kienet ilha tilmenta mal-provditur tas-servizz li huwa ma kienx qieghed isegwi l-istruzzjonijiet taghha biex flusha jigu investiti f'*bonds* tal-Gvern u ishma b'riskju baxx.[3] Gie sottomess ukoll li l-investiment f'*Sherbourne Ventures Limited* kien imur kontra x-xewqa tal-ilmentatrici li l-investimenti jsiru gewwa prodotti finanzjarji kkwotati, peress li din il-kumpanija ma kinetx ikkwotata fuq xi Borza. L-ilmentatrici riedet ukoll assigurazzjoni li flusha ma kinux qed jigu intuzati ghall-progetti li fihom kien involut personalment Neville Curmi, ufficjal gholi tal-provditur tas-servizz.

Gie sottomess li l-provditur tas-servizz mexa b'mod abbuziv u rregolari fir-relazzjoni tieghu mal-ilmentatrici f'diversi prodotti finanzjarji li kienu jikkostitwixxu parti mill-portafolli ta' investimenti taghha. F'dan ir-rigward gie msemmi, bhala ezempju, l-investiment li sar mill-provditur tas-servizz gewwa *Bansko* fil-Bulgarija, fejn gie allegat li Neville Curmi uza flus l-ilmentatrici ghall-ammont ta' €741,000, f'dan il-progett li jidher li kien involut fih huwa stess. Gie sottomess ukoll li l-kapital li uza abbuzivament ghall-investiment gewwa *Bansko* gie mhallas lura minn Neville Curmi wara li gie ffirmat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu favur l-ilmentatrici.[4]

Gie mishuq li wara dan l-avveniment, l-ilmentatrici bdiet il-process biex tittrasferixxi l-portafolli ta' investimenti li kellha mal-provditur tas-servizz lill-provditur iehor ta' servizzi finanzjarji. Gie irrimarkat ukoll li matul il-process ta' trasferiment, dan tal-ahhar qajjem xi mistoqsijiet, fosthom, fuq l-investiment gewwa *Sherbourne Ventures Limited*. L-ilmentatrici tikkunsidra li ma inghatatx risposta sodisfacenti mill-provditur tas-servizz ghall-mistoqsijiet li tqajmu fuq l-investiment in kwistjoni.

Gie spjegat li l-valur tal-ishma f'*Sherbourne Ventures Limited* kien immarkat bhala "*Nil*" mill-provditur tas-servizz minghajr ma dan ipprovda informazzjoni

---

[3] *A fol.* 7
[4] *Ibid.*

dettaljata rigward ir-raguni tat-telf fil-valur ta' dawn l-ishma kif ukoll informazzjoni rigward is-suq taghhom. Gie spjegat ukoll li, apparti l-ishma f'*Sherbourne Ventures Limited*, l-ilmentatrici kellha investiment f'*bonds* mahruga mill-istess kumpanija, liema *bonds* kienu izda immaturaw u thallsu tardivament wara hafna pressjoni u korrispondenza.

Gie sottomess li kien hemm dizgwid fuq l-investiment in kwistjoni peress li l-provditur tas-servizz kien qieghed jinvesti l-flus tal-ilmentatrici gewwa progetti immobbiljari minghajr ma l-ilmentatrici kienet qieghda tinghata informazzjoni adegwata u ragonevoli fuq il-progett. L-ilmentatrici issottomettiet li hija kienet anzjana u mhix imharrga fuq investimenti finanzjarji u li l-investiment gewwa *Sherbourne Ventures Limited* esponiha ghal riskju konsiderevoli meta hija giet accertata li ma kienx ser ikun hemm riskji konsiderevoli fl-investiment taghha.

L-ilmentatrici sahqet li saret taf biss li *Sherbourne Ventures Limited* kienet kumpanija privata registrata gewwa *Guernsey* minn ricerka maghmula mill-konsulenti taghha. L-ilmentatrici bdiet tissuspetta li dan kien progett li fih kien involut Neville Curmi u li dan kien qieghed juza flusha ghall-progetti tieghu.

Gie sottomess li l-provditur tas-servizz ma pprovdiex informazzjoni ghar-rikjesta ta' dettalji shah fuq dan il-*business venture* inkluz dettall tax-*shareholders*, ufficjali u *financials* tal-progett.[5] F'dan ir-rigward gie mishuq li l-ilmentatrici ma inghatatx informazzjoni ragonevoli, trasparenti u prova sodisfacenti li l-ishma fil-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* kienu minghajr valur.

L-ilmentatrici issottomettiet li ma inghatatx informazzjoni ghar-rikjesti li saru ghal spjegazzjonijiet u nformazzjoni fuq l-investiment, fosthom, jekk Neville Curmi kienx imdahhal personalment, direttament jew indirettament, fil-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* u jekk il-flus tal-ilmentatrici kinux verament qed jigu investiti skont il-ligi. Intqal ukoll li l-ilmentatrici ma inghatat l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward u li r-risposta li inghatat mill-provditur tas-servizz ma kinitx sodisfacenti.

Skont l-istharrig li sar mill-assistenti legali tal-ilmentatrici irrizulta li, apparti li l-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* hija wahda privata li tinvesti fi proprjetà immobbli, l-poteri tal-kumpanija huma wiesa' u minghajr limitu u l-beneficjarji

[5] *A fol.* 8 u 79

tal-istess kumpanija huma kumpaniji privati ohra, inkluzi kumpaniji ta’ *trusts* u *nominees* fejn hemm nuqqas ta’ trasparenza

Gie sottomess ukoll li l-provditur tas-servizz naqas fl-obbligi tieghu skont il-ligi u r-relazzjoni finanzjarja fir-rigward l-investiment in kwistjoni fejn gie allegat li l-provditur tas-servizz ma kellux il-fakultà, il-licenzja u l-poter sabiex jinvesti f’ishma ta’ kumpanija privata li ma kinitx negozjabbli fuq suq kapitali.

L-ilmentatrici ssostni li l-provditur tas-servizz naqas milli jaghti kull informazzjoni trasparenti u ragonevoli rigward l-investiment taghha li hija kellha dritt tircievi skont il-principji li jirregolaw is-servizzi finanzjarji, izjed u izjed, meta hija kienet qieghda tinghata s-servizz ta’ *discretionary portfolio management,* fejn il-provditur tas-servizz kellu jagixxi skont l-ahjar interess tal-ilmentatrici u fejn kienu japplikaw principji ta’ obligazzjonijiet fiducjarji fejn kellu jigi mhares l-ahjar interess tal-konsumatur; u fejn il-provditur tas-servizz ma kellux jircievi qligh personali u irregolari u kellu jaghti rendikont necessarju dwar il-proprjetà li jkun qed jiggestixxi.

Ukoll, li l-provditur tas-servizz mhux talli naqas milli jimxi bl-ahjar diligenza u prudenza, izda jidher li kien hemm hjiel ragonevoli li l-flus tal-ilmentatrici gew uzati ghal progetti ta’ Neville Curmi bhala *financing* u li, ghalhekk, kien hemm konflitt ta’ interess qawwi f’dan ir-rigward.

Gie allegat li l-ilmentatrici giet esposta ghal riskji konsiderevoli u mhux awtorizzati stante illi l-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* dahlet f’investimenti ta’ proprjetajiet immobbli li jesponu ghal riskju aktar minn dak mistenni.

Qieghda titlob li tinghata lura s-somma investita ghall-ammont ta’ Eur118,167.59 bhala l-ekwivalenti ghal GBP90,000, flimkien ma’ interessi applikabbli skont il-Ligi mid-data tal-investiment fl-ishma ta’ *Sherbourne Ventures Limited*.[6]

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentatrici inkwantu bbazati fuq responsabbiltà extra

[6] *A fol.* 10.

kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet tal-ilmentatrici inkwantu bbazati fuq rabta kuntrattwali huma preskritti *ai termini* tal-Artikolu 2156 (d) u/jew (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra in kwantu Neville Curmi u David Curmi gew indikati bhala l-persuni li originarjament bieghu il-prodott jew is-servizz li dwaru qieghed jitressaq l-ilment l-istess qieghdin jirrispondu ukoll li huma personalment ma ghandhomx, u qatt ma kellhom, ebda relazzjoni guridika mal-ilmentatrici u, ghalhekk, ghandhom jigu liberati mill-osservanza ta' din il-procedura in kwantu mhumiex il-legittimi kontradittūri; in realtà, huma ma gewx notifikati bl-applikazzjoni u qeghdin jirrispondu f'dan is-sens biex jekk kienet l-intenzjoni tal-ilmentatrici li taghmilhom parti huma ma jkunux naqsu;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talba tal-ilmentatrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu mhux minnu li bhala provditrici ta' servizzi finanzjarji s-socjetà *Curmi & Partners Ltd.* ma kellhiex il-fakultà, licenzja u poter sabiex tinvesti f'ishma ta' kumpanija privata u, *cioè*, *Sherbourne Ventures Limited*, li ma kinux negozjabbli fuq suq kapitali;

5. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talba tal-ilmentatrici ma tistax tintlaqa' u hija formalment monka minhabba li mhix preceduta minn ebda talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà li tista' taghti lok ghar-rifuzjoni tas-somma mitluba ta' 90,000 Sterlina jew xi imghaxijiet fuqha;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ilmentatrici trid qabel xejn tipprova n-ness guridiku bejn il-hsara allegatament sofferta u l-agir li qed tallega u tilmenta minnu da parti tas-socjetà esponenti;

7. Illi inoltre fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talba tal-ilmentatrici hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu li l-esponenti naqset milli taghti lill-ilmentatrici informazzjoni trasparenti u ragjonevoli rigward l-investiment inkwistjoni;

8. Illi inoltre fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talba tal-ilmentatrici hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu mhux minnu li l-esponenti esponiet lis-Sinjura RF ghal riskji konsiderevoli u mhux awtorizzati;

9. Illi ukoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, is-socjetà intimata mxiet fl-ahjar interess tal-klijenti u s-socjetà intimata ma naqsitx mill-obbigi fiducjarji taghha, inkuz dawk naxxenti mill-Artikoli 1124A u 1124B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ma agixxietx bi ksur tal-principji li jirregolaw il-mandat fil-Kodici Civili;

10. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-investiment in kwistjoni, fl-isfond tal-informazzjoni li kellha s-socjetà intimata dwar l-ilmentatrici, kien konsistenti u kompatibbi mac-cirkostanzi personali u l-objettivi finanzjarji tal-ilmentatrici, kif ukoll kompatibbi mal-attitudni ta' riskju taghha, stante illi meta sar l-investiment inkwistjoni dan kien jifforma parti zghira biss – addirittura anqas minn tnejn punt erba' decimali (2.4%) – tal-valur totali tal-portafoll tal-investiment tal-ilmentatrici gestiti mis-socjetà intimata, liema portafoll dak iz-zmien kien jammonta ghal circa €4,500,000, u dan apparti attiv iehor appartenenti lill-ilmentatrici;

11. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim dwar l-investimenti mal-ilmentatrici kien jipprovdi li:

    "*When managing a client's porfolio Curmi & Partners Ltd. may affect transactions with any connected company, where it may have an interest in or a relationship with the issuer of the investment instrument being transacted thereby resulting in a conflict of interest. However, our employees are required to comply with a policy of independence and must disregard any such interest when affecting transactions on behalf of clients.*"

Għalhekk, ma jista' jkun hemm l-ebda rivlasa fuq din il-bazi u, cioè, konflitt ta' interess; illi dan, nonostante u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu li kien hemm xi konflitt ta' interess la min-naħa tas-socjetà esponenti u lanqas min-naħa tas-Sur Neville Curmi, jew xi interess jew involviment min-naħa tagħhom illi messu gie ddikjarat u ma giex; illi fil-mertu ukoll u mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet l-oħra, l-investiment in kwistjoni kien kollu kemm hu in linea mat-tagħrif fl-investiment li gie mogħti lill-ilmentatrici u mal-esperjenza tagħha fl-investiment u mal-istruzzjonijiet u l-għazliet tagħha, u mhux minnu li l-investiment ma kienx gie spjegat lill-ilmentatrici, jew li hija ma kinitx tifhem bizzejjed f'investiment ta' dan it-tip jew li ma ingħatatx informazzjoni rigward l-istess investiment;

12. Illi inoltre u mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet l-oħra, in kwantu l-ilmentatrici tillanja minn involviment personali ta' Neville Curmi, jigi eccepit illi *Curmi & Partners Ltd.* għandha personalità guridika separata u distinta minnu u, għalhekk, l-allegat involviment ma seta' jippregudika bl-ebda mod l-investiment in kwistjoni;

13. Illi fi kwalsiasi kaz u mingħajr pregudizzju għall-eccezzjoni precedenti però, l-ilmentatrici qed tagħmel allegazzjonijiet fiergħa u bla bazi fil-konfront tas-socjetà esponenti u ta' Neville Curmi li, wara kollox, m'huwiex parti minn dawn il-proceduri, liema allegazzjonijiet ma jistgħu qatt jifformaw il-bazi tal-apprezzament tal-investiment in kwistjoni stante illi ma hemm beda ness bejnhom u bejn l-allegat dannu, apparti li huma totalment inveritieri u intizi biss biex jitfgħu dell ikraħ u mingħajr fundament fuq is-socjetà esponenti u r-rapprezentanti tagħha;

14. Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet l-oħra, it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhijiex responsabbli versu l-ilmentatrici għal ebda telf jew dannu u ma hi responsabbli għall-ebda reintegrazzjoni fir-rigward tas-somma ta' 90,000 Sterlina msemmija;

15. Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet l-oħra, stante illi s-servizz li ingħata lill-ilmentatrici kien wieħed ta' "*Discretionary Portfolio*

*Management*," kif jirrizulta mill-ftehim, li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata "Dok. CP 1," u kif ammess, *del resto,* mill-ilmentatrici stess fl-ewwel paragrafu tal-ilment taghha, l-andament tal-investiment taghha f'dawn l-ishma partikolari jrid jitqies fil-kuntest tal-andament tal-portafoll tal-investiment fl-intier tieghu in kwantu kwalsiasi telf illi setghet sofriet l-ilmentatrici fir-rigward tal-investiment *de quo* gie kkompensat bil-qligh li ghamlet l-istess ilmentatrici mill-portafoll tal-investimenti taghha gestit mis-socjetà intimata skont il-ftehim imsemmi, kif jista' jigi ppruvat fil-kors ta' dawn il-proceduri;

16. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba ghall-imghaxijiet mid-data tal-investiment hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt; illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas l-imghaxijiet ma kienu garantiti mis-socjetà intimata, jigi sottomess illi l-ilmentatrici ghamlet l-investimenti *de quo* fl-2007, jigifieri qabel il-krizi inter-nazzjonali tal-2008, l-akbar krizi fis-swieq finanzjarji li rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn. Ghalhekk, tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentatrici ma tistax tassumi illi kieku investiet flusha f'investiment iehor il-kapital taghha kien ser jibqa' shih u/jew li kienet ser taghmel qligh matul il-perjodu tal-investiment taghha kif qed issostni; illi fi kwalsiasi kaz, anke li kieku l-ilmentatrici kellha ragun fit-talba taghha, l-imghaxijiet certament li ma jiddekorrux mid-data tal-investiment;

17. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jekk *caso mai* kellha tintlaqa' t-talba tal-ilmentatrici, il-pretensjoni tal-ilmentatrici illi l-figura f'Ewro ta' €118,167.59, ghandha tittiehed awtomatikament bhala l-ekwivalenti tal-liri Sterlini 90,000, hija legalment insostenibbli stante illi r-rata tal-kambju li tkun trid tigi applikata f'dak il-kaz hija r-rata medja tal-kambju kif ippubblikata mill-Bank Centrali ta' Malta fid-data ta' meta l-ilment gie mressaq quddiem l-Ufficcju tal-Arbitru u l-ebda data ohra.

18. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Ra l-*affidavits* tal-partijiet u sema' x-xhieda tal-partijiet in kontroezami,**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz jibbaza l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikoli 2153 u 2156(d) u/jew (f) tal-Kodici Civili

Dwar l-ewwel eccezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, il-Qrati taghna sostnew:[7]

*'Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali, jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza ***Avv Dr. Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 t'Ottubru 2016:***

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat," hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622).'*

Kif anke gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz simili kontra provditur ta' servizz finanzjarju,[8] ir-relazzjoni hija ta' natura kuntrattwali.

Anke f'kazi fejn hemm obbligazzjoni kuntrattwali jistghu jintalbu hlas ta' danni, u fil-kaz *de quo,* essenzjalment, qed jinghad li la l-provditur tas-servizz ma qediex l-obbligi kuntrattwali tieghu ghandu jhallas kumpens lill-ilmentatrici. Peress li jidher car li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta' natura kuntrattwali,[9] din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

---

[7] *Go p.l.c. vs Charles Dimech, PA 28/07/2011*

[8] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd., PA, 1/06/2017*

[9] Ara, perezempju, l-*Purchase Contract Note a fol.* 13

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(d) u/jew (f). Qabel xejn, irid jinghad li eccezzjoni dwar preskrizzjoni trid tkun wahda specifika u, mhux kif ghamel il-provditur tas-servizz, ressaq diversi artikoli tal-ligi biex forsi tehel xi wahda minnhom. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija eccezzjoni importanti ghaliex l-intenzjoni taghha hija li twaqqaf il-prosegwiment tal-kaz.

Dwar il-preskrizzjoni irid jinghad li l-Qrati taghna stabbilew certi parametri kif ghandha tigi applikata l-ligi. Perezempju, fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frans Micallef et vs Konjugi Paul u Audrey Ann Agius,***[10] il-Qorti qalet:

*'Illi kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet 'Stencil Pave (Malta) Limited vs Kunsill Lokali Naxxar', deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta Mejju 2003:*

*"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq";*

*Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju (Qorti tal-Appell – "Holland noe vs Chetcuti" – 25 ta' Frar 2000). Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza "Causon vs Sheibani noe" -*

*"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'pozizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".*

*Din il-Qorti tghid ukoll illi huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell, 18/06/2014

*applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.'*

Ghal dawk li huma **provi dwar l-eccezzjoni** *ai termini* tal-Artikolu 2156(d) u (f), l-Arbitru ma sab l-ebda prova specifika min-naha tal-provditur tas-servizz li ssostni din l-eccezzjoni u li tindika d-data preciza minn meta setghet tigi ezercitata l-azzjoni. Dak li jinghad fin-nota ta' sottomissjonijiet mill-provditur tas-servizz m'huwiex prova u anke d-data indikata minnu f'din in-nota bhala d-data minn meta gie akkwistat l-investiment hija insostenibbli ghaliex f'dawn il-kazi ta' investiment id-data tal-akkwist qatt ma tista' tindika jekk is-servizz moghti kienx difettuz jew le ghaliex irid isehh it-trapass taz-zmien biex dak li jkun ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni jekk il-provditur tas-servizz ikunx naqsu jew le. Kieku l-ilmentatrici hadet azzjoni mid-data tal-investiment, il-provditur tas-servizz ikollu kull ragun jghid li l-ilmentatrici kienet qed tagixxi intempestivament u anke li tkun qed tivvessah ghalxejn.

Kif inghad fis-sentenza ikkwotata, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tigi applikata b'mod ristrettiv u jekk il-gudikant ghandu dubju dwarha irid jichadha.

Mhux xoghol l-Arbitru li jiffissa hu d-data preciza minn meta setghet issir l-azzjoni u, ghalhekk, peress li l-provditur tas-servizz ma ppruvax sal-grad li jnehhi d-dubju lill-Arbitru, din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra rigward il-fatt li David Curmi u Neville Curmi m'humiex il-legittimi kontraditturi personalment hija ezawrita ghaliex l-ilmentatrici stess tghid fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li r-relazzjoni guridika taghha ma kinetx maghhom personalment izda ma' *Curmi & Partners Ltd.*

L-eccezzjoni numru hamsa qed tigi michuda ghaliex l-Arbitru jrid jimxi mal-ligi specjali, jigifieri l-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma jitlob l-ebda dikjarazzjoni specifika dwar responsabbiltà bhala ritwalità tal-azzjoni izda, peress li dan il-forum inholoq ghall-konsumaturi li jridu jaghmlu ilment quddiem l-Arbitru, il-legizlatur ipprovda procedura informali; kulma jrid jaghmel ilmentatur huwa li jipprova l-ilment li jressaq minghajr xi formalità zejda.

Fil-kaz odjern, it-talbiet huma cari u l-Arbitru jrid janalizza l-kaz skont dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli,[11] u jekk l-ilment jirrizulta jista' jaghti kumpens skont l-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555.

L-istess jista' jinghad ghas-sitt eccezzjoni li ukoll qed tigi michuda ghall-istess ragunijiet tal-eccezzjoni numru 5.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[12]**

Biex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, l-Arbitru ser jezamina d-dokumenti ipprezentati mill-partijiet, jara x-xhieda taghhom u janalizza t-talbiet tal-attrici u r-risposta tal-provditur tas-servizz kif sostnuti min-noti ta' sottomissjonijiet relattivi.

**Analizi tad-Dokumenti/Investimenti Ohra tal-Ilmentatrici**

L-ilmentatrici kellha tliet portafolli ta' investimenti indikati bhala G226, G227 u G228. **L-investiment in kwistjoni kien jaghmel parti mill-portafoll indikat bhala G227.**

F'wahda mil-listi ipprezentati tal-portafolli ta' investiment tal-ilmentatrici, l-valur totali tal-Portafoll G226 fil-31 ta' Awwissu 2015, huwa indikat li kien ta' €697,630.98. Dan il-portafoll kellu diversi investimenti, primarjament, *bonds* b'valur ta' €497,425.97 u f'ishma b'valur ta' €200,126.23.[13]

Il-valur totali tal-Portafoll G227 huwa indikat li kien ta' €812,913.47[14] fil-31 ta' Awwissu 2015. Dan il-portafoll kien jikkostitwixxi primarjament *bonds*, *cash* u anke zewg investmenti f'ishma, dawk gewwa *Solar World AG* u *Sherbourne Ventures Limited*.

---

[11] Art. 19(3)(b) tal-Kap. 555
[12] *Ibid.*
[13] *A fol.* 28-29
[14] *A fol.* 31

Il-valur totali tal-Portafoll G228 huwa indikat li kien ta' €197,634.17[15] fil-31 ta' Awwissu 2015. Dan il-portafoll kien jikkostitwixxi primarjament ishma f'diversi kumpaniji.

***Sherbourne Ventures Limited***

*Sherbourne Ventures Limited* giet inkorporata gewwa *Guernsey* ghal progett specifiku li kien jinvolvi x-xiri tal-proprjetà, *Antelope Hotel*, li kienet lukanda gewwa *Sherbourne* l-Ingilterra, fejn il-proprjetà kellha tigi kkonvertita biex flokha jsiru tmien *units* residenzjali kbar u jigi rikavat il-qligh mill-bejgh ta' dawn il-*units*.

Neville Curmi, waqt is-seduta tal-24 ta' April 2017, ikkonferma li huwa personalment kien waqqaf il-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* fejn l-iskop taghha kien biex tinxtara l-*Antelope Hotel* f'*Sherbourne.*[16] Fl-istess seduta huwa rrimarka li,

"*Nghid li d-decizjoni li kien hemm opportunità rajtha jien u offrejtha lill-klijenti tieghi*".[17]

Hekk kif deskritt fl-*affidavit* tieghu, Neville Curmi, spjega li

"*Irrid nghid illi dan il-progett kien jinvolvi l-bini mill-gdid ta' Antelope Place gewwa Sherbourne, jigifieri kien jinvolvi r-rikostruzzjoni tal-Antelope Hotel biex flokha jsiru tmien residential units kbar. Dan kien sit impekkabbli, il-proprjetà kienet tinsab fil-qalba ta' belt zghira moghnija b'hafna skejjel pubblici fejn nies sinjuri kienu jaghzlu li jedukaw lil uliedhom u ghalhekk proprjetà bhal din kienet mistennija li ggib prezz tajjeb hafna fis-suq. Dak iz-zmien il-progett kien qanqal interess kbir u kellu reviews tajbin hafna f'rivisti u fil-media*".[18]

Id-dokument ta' informazzjoni maghmul mill-provditur tas-servizz datat 31 ta' Ottubru 2007, jispjega li l-*Antelope Hotel* inxtara ghall-prezz attraenti ta' GBP800,000 qabel ma l-banek kienu ser jiehdu pussess tal-proprjetà mis-sidien

---

[15] *A fol.* 33
[16] *A fol.* 508
[17] *A fol.* 509
[18] *A fol.* 171

ta' qabel.[19] Il-konvenju gie iffirmat fl-20 ta' Settembru 2007. Id-dokument jipprovdi informazzjoni fuq il-lokalità tal-lukanda, (*Sherbourne* gewwa l-Ingilterra), u raguni tal-investiment f'din il-proprjetà, fejn l-iskop kien li l-proprjetà tigi kkonvertita f'*units* residenzjali fejn tal-inqas tmien *units* setghu jsiru minn din il-lukanda.

Id-dokument ta' informazzjoni jispecifika ukoll li

"*The development time is expected to take up to 18 months however the financial calculations have been based on a development time frame of 30 months, thereby allowing for a full extra year of delays*".[20]

Id-dokument jipprovdi ukoll "*Summary Financial Statement*" b'lista tal-ispejjez relatati mal-progett u xenarji bi prezz differenti tal-bejgh tat-tmien *units* u l-profitti anticipati.[21]

L-istess dokument jindika li:

"*The property is being purchased through a Jersey based special purpose vehicle by the name of Sherbourne Ventures Ltd. SVL will own and develop the property and on completion distribute the profits entirely back to the investors representing the equity. Investors will have equity shares representing their investing in SVL. It is anticipated that the only borrowings that will take place by SVL will be to finance this project. Currently investigations are underway to secure the best form of finance for the project. Curmi & Partners Ltd. are likely to be part investors in this project*".[22]

Numru ta' riskji relatati mal-investiment gew deskritti fl-istess dokument ta' informazzjoni fejn gie specifikat li:

"*Clearly the risks emanate from various angles. These are 1) no planning permission is given 2) sales expectations are not met and 3) costs overun. Taking each one in turn, it is expected that from the advice being given and the wish of the local planners to ensure the area of the Antelope Hotel reverts back to being one of a residential status, planning permits should, under logical circumstances*

---

[19] *A fol.* 203
[20] *A fol.* 204
[21] *A fol.* 205
[22] *A fol.* 205-206

*be given. The second issue is subjective given we are dealing with market forces, however, the discounted prices required to ensure that the project achieves at least its b/even status should in their own right ensure the minimum viability for this project. In reality we expect that even in the event that the housing market weakens substantially over the next 12 to 18 months, the project remains viable. The final major risk is one where costs overrun significantly. Whilst this remains a risk the choice of the project manager will lead to a better management of this risk*".[23]

Id-dokument ta' informazzjoni jispecifika ukoll li:

"*The equity will not be listed and hence it will be difficult to trade in the shares*".[24]

Skont il-kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* ta' *Sherbourne Ventures Limited* ipprezentata lill-Ufficcju tal-Arbitru, ir-*registered office* ta' din il-kumpanija kien f'*Guernsey*, u l-oggettivi tal-kumpanija kienu, fosthom, bhala kumpanija ta' kummerc generali u kumpanija ta' investiment u proprjetà.[25] L-azzjonisti ta' *Sherbourne Ventures Limited* huma indikati bhala *Marlborough Trust Company Ltd.* u *Marlborough Nominees Ltd.*, li huma kumpaniji sitwati gewwa *Guernsey.*[26] Skont il-*Memorandum of Association* li gie ipprezentat rispettivament rigward *Marlborough Nominees Ltd.* u *Marlborough Trust Company Ltd.,* l-azzjonisti rispettivi ta' dawn iz-zewg kumpaniji huma *Mentor Nominees Ltd*. u *Mentor Trustees Ltd.,* li huma ukoll kumpaniji gewwa *Guernsey.*[27]

### L-Investiment f'*Sherbourne Ventures Limited*

Saru zewgt tipi ta' investimenti gewwa *Sherbourne Ventures Limited* ghan-nom tal-ilmentatrici mill-provditur tas-servizz. Il-provditur tas-servizz xtara 90,000 **sehem** tal-kumpanija f'Dicembru 2007 ghall-valur totali ta' GBP90,900,[28] u wara

[23] *A fol.* 206
[24] *Ibid.*
[25] *A fol.* 109
[26] *A fol.* 113
[27] *A fol.* 119 u 124
[28] *A fol.* 13 u 15

xi zmien sar ukoll investiment ta' GBP300,000 ***f'bonds*** ta' din il-kumpanija bil-7.5%[29] li kienu jimmaturaw fil-31 ta' Dicembru 2014.

Dawn it-tranzazzjonijiet saru ghan-nom tal-ilmentatrici bhala parti minn *discretionary portfolio management service* offrut mill-provditur tas-servizz.

Hekk kif spjegat mill-provditur tas-servizz fl-ittra tieghu lill-ilmentatrici datata 23 ta' Dicembru 2014, il-flus mill-*bond* tal-kumpanija kienu utilizzati biex jikkonvertu l-*Antelope Hotel* fi tmint idjar separati.[30]

Fl-istess ittra huwa indikat li hamsa minn tmient idjar kienu nbieghu izda parti mill-flus biex ihallsu lura l-*bond* fid-data tal-maturità ma kinux ser jilhqu jaslu fiz-zmien u, ghalhekk, ittiehdet il-mizura li 50% tal-*bond* tithallas fiz-zmien tal-maturità filwaqt li l-50% l-ohra kien mistenni li jithallsu fis-sena ta' wara mill-introjtu fuq il-bejgh tal-proprjetà, u dan qabel it-30 ta' Gunju 2015. Gie specifikat li l-interessi fuq il-parti tal-*bond* li ghadha ma thallsitx ser jibqghu jakkumulaw bl-istess rata ta' 7.5%.[31]

F'ittra datata 28 ta' April 2016, il-provditur tas-servizz irrimarka li x-xiri tal-*bonds* sar wara x-xiri tal-ishma u li l-*bonds* thallsu lura *at par.*[32] Matul is-seduta tal-24 ta' April 2017, l-ilmentatrici iddikjarat dan li gej,

"*Nikkonferma li kont irkuprajt il-flus kollha li kelli f'dan il-bond inkluz l-imghax*".[33]

L-investiment fl-ishma ta' *Sherbourne Ventures Limited* gie indikat b'valur *nil* u b'telf ta' 100% fil-*Portfolio Report* mahrug mill-provditur tas-servizz li kien juri l-pozizzjoni tal-investimenti tal-ilmentatrici fil-portafoll G227 fil-31 Dicembru 2014.[34] L-istess indikazzjoni ta' valur *nil* tnizzlet ukoll f'rapporti ohra li hargu wara bhal dawk ta' Frar 2015[35] u tat-30 ta' Gunju 2015.[36]

---

[29] *A fol.* 17, 63 u 172
[30] *A fol.* 59
[31] Fil-*Portfolio Report G227* mahrug mill-provditur tas-servizz, li jkopri mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Dicembru 2014, hemm indikat l-investiment ta' GBP300,000 bhala *Sherbourne Ventures Limited* 7.5% - 31/12/2013-14. Fil-*Portfolio Report* li jkopri mill-1 ta' Frar 2015 sat-28 ta' Frar 2015, l-ammont fl-istess *bonds* nizel ghal GBP150,000. L-investiment fil-bonds ta' *Sherbourne Ventures Limited* ma jidhrux izjed fil-*Portfolio Report* li jkopri mill-1 ta' Jannar 2015 sat-30 ta' Gunju 2015.

[32] *A fol. 80*
[33] *A fol.* 508
[34] *A fol.* 14-15
[35] *A fol.* 20-21
[36] *A fol.* 18-19

**L-Investiment bhala parti minn Portafoll**

Il-provditur tas-servizz sahaq li mill-investimenti l-ohra li kellha fil-portafolli taghha, l-ilmentatrici ghamlet qligh konsiderevoli u li l-ishma f'*Sherbourne Ventures Limited* kienu jirrapprezentaw biss madwar 3% tal-prodotti finanzjarji kollha li kienu jiggestixxu ghan-nom taghha.

Fl-*affidavit* tieghu, David Curmi, direttur u azzjonist tal-provditur tas-servizz, irrimarka illi matul is-snin l-ilmentatrici kellha investimenti ohra komparabbli ma' dak ta' *Sherbourne Ventures Limited*, u gab bhala ezempju l-investiment gewwa l-kumpanija *Tucan Investments Limited* li tinkludi lilu u lil Neville Curmi bhala azzjonisti, u li fuqha "*ghamlet return ta' 291% minn dan l-investiment jigifieri l-flus li dahhlet mill-investiment kienu kwazi tliet darbiet is-somma originarjament investita*".[37]

Sahaq ukoll li l-maggoranza tal-assi tal-ilmentatrici kienu f'assi immobbiljari u, fosthom, semma' ukoll l-involviment taghha bhala azzjonista gewwa *unlisted private equity* lokali.[38]

David Curmi qal ukoll:

"*… illi meta wiehed jikkunsidra l-portfolio shih ta' investimenti li kellha s-Sinjura RF dan ma kienx portfolio b'overall risk gholi u l-investimenti kienu diversifikati fin-natura taghhom*".[39]

F'dan ir-rigward, huwa enfasizza li:

"*Ahna konna naraw illi l-portfolio tas-Sinjura RF ikun diversifikat fis-sens illi jkun jikkonsisti f'tipi differenti ta' investimenti imqassmin f'asset classes differenti u li f'dawn l-asset classes stess l-investiment ikun mqassam f'industriji differenti. B'hekk ir-riskju jkun minimizzat stante li jekk minhabba ragunijiet fis-suq xi tip ta' investiment imur hazin, dan ma jaffettwax il-portfolio kollu. Fil-fatt, kif digà ghidt, l-investiment f'ishma f'Sherbourne Ventures Limited kien kaz izolat fejn parti zghira hafna mill-investimenti tas-Sinjura RF (madwar 3%) biss gew affettwati*".[40]

---

[37] *A fol.* 175
[38] *A fol.* 176
[39] *Ibid.*
[40] *A fol.* 178

**_Client Agreement_ u l-Mandat lill-Provditur tas-Servizz**

Gieipprezentat il-*Client Agreement* li kien sar bejn il-provditur tas-servizz u l-ilmentatrici.[41] Dan id-dokument huwa ffirmat mill-ilmentatrici u datat 2 ta' Settembru 2004,[42] u jindika li s-servizz moghti mill-provditur tas-servizz huwa wiehed ta' *Discretionary Portfolio Management* li huwa deskritt hekk kif gej:

"*Curmi & Partners Ltd. is authorised by the Client to take all such actions in relation to the Client's portfolio to achieve the stated Investment Objective. This will entail the purchase, and/or sale, and/or exchange of any investment instrument deemed appropriate by Curmi & Partners Ltd. in the interest of the Client.*

*By virtue of this agreement Curmi & Partners Ltd. is empowered to act on behalf of the Client for the purpose of achieving the Investment Objective without the need to obtain prior approval of the Client or otherwise consult with the Client who therefore delegates full discretionary authority to Curmi & Partners Ltd. who will manage the Clients portfolio on a day to day basis. For this purpose Curmi & Partners Ltd. will:*

- *Take all decisions to invest in instruments in accordance with the Investment Objective;*
- *To place orders for the execution of transaction with or through such brokers, dealers, financial institutions, banks and issuers as Curmi & Partners Ltd. may select;*
- *To take all such action necessary to achieve the Investment Objective.*

*Curmi & Partners Ltd. shall maintain full and detailed records of all such assets and transactions*".[43]

Fis-sezzjoni tal-*Client Agreement* li tirrigwarda s-servizz offrut hemm parti li tittratta l-investiment fejn hemm, fosthom, imnizzel li

"*In the execution of the selected service, Curmi & Partners Ltd. shall utilise the following local and foreign investment instruments as appropriate: Shares,*

---

[41] *A fol.* 149
[42] *A fol.* 155
[43] *A fol.* 150

*Debentures, Loan Stock, bonds, notes, certificates of deposit and other debt instruments including those of government, public and private entities; foreign currencies; collective investment schemes and bank deposits, and any such similar investments unless specifically excluded by this agreement*".[44]

Ma hemm l-ebda nota jew dettall iehor li jeskludi xi investimenti partikolari jew li jindika li l-investimenti maghzula ghandhom ikunu kollha kkwotati.

L-*investment objective* tal-ilmentatrici huwa indikat fil-*Client Agreement* bhala "*Mixture of Capital Growth and Income*", filwaqt li l-profil ta' riskju li xtaqet tkun esposta ghalih huwa indikat bhala "*Medium Risk to Low Risk*".[45]

Rigward kunflitt ta' interess, il-*Client Agreement* jispecifika li:

"*When managing a Client's portfolio Curmi & Partners Ltd. may effect transactions with any connected company, where it may have an interest in or a relationship with the issuer of the investment instrument being transacted thereby resulting in a conflict of interest. However our employees are required to comply with a policy of independence and must disregard any such interest when effecting transactions on behalf of Clients*".[46]

Fl-*affidavit* taghha, l-ilmentatrici sahqet li hija halliet f'idejn il-provditur tas-servizz biex jamministralha gidha u fdatu b'ghajnejha maghluqa peress li qatt ma kienet intiza u tifhem fi prodotti finanzjarji.[47] L-ilmentatrici enfasizzat li kienet tat istruzzjonijiet lil Neville Curmi biex jinvestilha flusha b'mod mill-aktar kawt[48] u sahqet li

"*waqt diversi laqghat li kellna flimkien, minn dejjem tajtu instruzzjonijiet cari li jien ridt li ninvesti flusi b'mod kawt hafna f'bonds u prodotti ta' ishma li kienu listed peress li dejjem ridt li jkolli safe investments*".[49]

Intqal ukoll li:

---

[44] *Ibid.*
[45] *A fol.* 151
[46] *A fol.* 153
[47] *A fol.* 157/158
[48] *A fol.* 157
[49] *A fol.* 158

*"Jien kont niltaqa' mieghu regolarment u meta kont nigbidlu l-attenzjoni fuq xi prodott li tilef il-valur kien jghidli biex inhares lejn dawk li zdiedu fil-valur. Ma kien qatt itini dettalji dwar l-investimenti hlief li jghidli per ezempju 'dawn jinvestu fil-bini, jew fil-medicini'"*.[50]

Fis-seduta tal-24 ta' April 2017, l-ilmentatrici indikat li "*b'mod kawt*" hija tifhem *low risk* u ghall-mistoqsija li hi kienet iffirmat dokument li riedet tinvesti kemm *low* u kemm *medium risk,* sahqet li hi ma tiftakarx u li f'mohhha dejjem *low risk* kellha.[51]

Min-naha ta' *suitability*, wiehed jinnota li fl-istess seduta, Neville Curmi, indika, fosthom, dan li gej:

*"Nghid li ma nafx x'inhi l-MiFID Directive. Nghid li ghalija issa harget. Mistoqsi wara l-2007, xi suitability test ghamilt ta' Mrs RF, nghid ma niftakarx li ghamilt suitability test. Forsi ghamlu l-ufficcju. Jien u Mrs RF ilna nafu lil xulxin u konna verament nafdaw lill xulxin"*.[52]

**Laqghat u Informazzjoni pprovduta**

Neville Curmi spjega fl-*affidavit* tieghu, li kien jaghmel laqghat mal-ilmentatrici li kienu jdumu aktar minn saghtejn, bejn wiehed u iehor, darba kull tliet xhur fejn kienu jirrevedu l-portafoll taghha bir-reqqa.[53] Nevile Curmi spjega ukoll li kien jiehu lista dettaljata tal-investimenti u jduruhom linja linja u li kien jispjega izjed fid-dettall kull meta l-ilmentatrici riditu jispjegalha xi haga ulterjuri. Gie irrimarkat li kienu jattendu uliedha ghal-laqghat u huwa sahaq li:

*"Niftakar b'mod partikolari li binha Timothy kien prezenti ghal-laqgha meta ddiskutejna jekk kellhiex tinvesti f'Sherbourne Ventures u kont domt hafna nispjegalhom il-kuntest, f'hiex kien jikkonsisti l-progett u fejn kienu ser jigu investiti l-flus"*.[54]

---

[50] *Ibid.*
[51] *A fol.* 506
[52] *A fol.* 509
[53] *A fol.* 168
[54] *A fol.* 169

Neville Curmi spjega li Timothy xogholu fin-negozju u jifhem sewwa fil-flus u fil-proprjetà.[55]

Fl-*affidavit* tieghu, Neville Curmi, indika li l-ilmentatrici kienet ipprovduta b'ittri informattivi u kienet inghatat kopja ta' dokument li kien jinkludi

"*dettalji sostanzjali dwar il-proprjetà mertu ta' dan l-investiment, l-ispejjez li l-progett kien mistenni jinvolvi, u konna indikajna ukoll illi Sherbourne Ventures Ltd. hija special purpose vehicle ibbazata fic-Channel Islands u li l-ekwità ma kinitx se tkun listed. Inoltre, indikajna ukoll illi Curmi & Partners Limited aktarx kienet ser tippartecipa f'dan l-investiment ukoll*".[56]

Id-dokument informattiv datat 31 ta' Ottubru 2007,[57] gie anness mal-*affidavit* ta' Neville Curmi.

Gie spjegat ukoll fl-*affidavit* tieghu li

"*Meta l-progett beda ghaddej bqajna nibaghtu noti informattivi, bhal per ezempju l-ittra tad-9 ta' Gunju 2008, li fiha fost l-ohrajn infurmajt lill-investituri hekk: 'it is a company registered in Guernsey and presently I am appearing as the sole beneficiary of the company on behalf of a number of other shareholders'*".[58]

Kopja mhux iffirmata ta' din l-ittra informattiva giet annessa mal-*affidavit* ta' Neville Curmi.[59] Fl-*affidavit* tieghu, David Curmi, li huwa direttur u azzjonist iehor tal-provditur tas-servizz, ikkonferma ukoll li d-dokument informattiv datat 31 ta' Ottubru 2007, inghata lill-ilmentatrici qabel ma gie diskuss jekk kellhiex tinvesti f'dan il-progett.

Neville Curmi sahaq li l-ilmentatrici kienet familjari ma' strutturi fejn kumpaniji privati jiggestixxu proprjetà immobbiljari u pprovda xi ezempji f'dan ir-rigward.[60] Huwa sahaq ukoll li l-ilmentatrici kienet giet infurmata li din kienet *unlisted private equity* registrata gewwa c-*Channel Islands*.[61]

---

[55] *A fol.* 168/169
[56] *A fol.* 169/170
[57] *A fol.* 203
[58] *A fol.* 170
[59] *A fol.* 207
[60] *A fol.* 171
[61] *A fol.* 172

Filwaqt li l-ilmentatrici ikkonfermat fis-seduta tal-24 ta' April 2017, li

"*Mr Curmi gie diversi drabi d-dar tieghi biex niddiskutu l-investimenti; bejn wiehed u iehor kull tlett xhur*", hija sahqet li "*hadd hliefi ma kienu jkunu fil-laqghat ma' Mr Curmi*".[62]

Hija spjegat ukoll li l-laqghat ma' Mr Curmi kienu jdumu bejn siegha u siegha u nofs izda fuq l-investiment ftit kienu jitkellmu. L-ilmentatrici qalet li hija tahseb li wahda minn dawn il-laqghat kienet fuq ix-*Sherbourne shares* izda rrimarkat li uliedha ma kinux hemm zgur.[63] Fir-rigward ta' investimenti ohrajn, hija spjegat li kellha diversi investimenti li kienet wirtet minghand zewgha.

Matul is-seduta tal-24 ta' April 2007, l-ilmentatrici ddikjarat li hija ma tiftakarx jekk id-dokument informattiv fuq ix-xiri tal-proprjetà[64] kienx ghandha, però, indikat li ma jidhrilhiex u spjegat li hija dejjem tkellmet mas-Sur Curmi.[65]

L-ilmentatrici iddikjarat ukoll:

"*Jien nghid li ma kontx nircievi dokumenti bhal CP6 u CP7 minghand Mr Curmi*".[66]

L-ilmentatrici spejgat li:

"*Kont naf li l-proprjetà kienet barra minn Malta, go l-Ingilterra*",[67]

u qalet ukoll li:

"*Nghid li ghaddewli pjanta li kien qed ifiehemni Mr Curmi kif se tigi fejn hemm il-lukanda u fejn ikun hemm xi djar, that's all, però, ma kinitx bhal dik CP6. Kienet maghmula by hand bil-linka*".[68]

Fl-istess seduta tal-24 ta' April 2017, l-ilmentatrici ddikjarat ukoll dan li gej:

"*Nghid li Mr Curmi qatt ma baghatli accounts, kien jispjegali li se jinbnew id-djar u jbieghuhom huma, ma kontx naf min huma, min se jmexxi l-progett. Ma kienx*

---

[62] *A fol.* 506
[63] *A fol.* 507
[64] Dak immarkat *a fol.* 203
[65] *A fol.* 507
[66] *Ibid*. – CP6 huwa d-dokument informattiv fuq l-investiment (*a fol*. 203), filwaqt li CP7 hija ittra datata 9 ta' Gunju 2008, bhala rapport fuq il-progress tal-investiment (*a fol.* 207).
[67] *Ibid.*
[68] *Ibid*.

*spjegali min se jmexxi l-progett. Jien kont inhalli assolutament f'idejn Mr Curmi*".[69]

Waqt l-istess seduta l-ilmentatrici enfassizzat li:

"*Jien kont naccetta kollox ghax ma kontx nifhem f'shares u bonds. U kulma kien jghidli kont naccetta, kont nghidlu, 'You know, int taf*'".[70]

## Aspetti ohra relevanti ghall-Kaz

### *Taghrif finanzjarju fuq il-kumpanija*

F'ittra datata 11 ta' Mejju 2016, il-konsulenti legali tal-ilmentatrici talbu li tigi pprovduta informazzjoni shiha fuq il-*business venture* in kwistjoni, inkluz dettall shih fuq l-istruttura tal-azzjonisti tal-kumpanija, l-ufficjali taghha u l-*financials* tal-progett. F'risposta mill-konsulenti legali tal-provditur tas-servizz hemm indikat, fosthom, li

"*My client has asked for all the audited statement and accounts of the company to be remitted to him so that he may make them available to your client*".[71]

Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2017, il-provditur tas-servizz intalab mill-konsulenti legali tal-ilmentatrici li, flimkien mal-*affidavits,* jipprezenta kopja tal-*audited accounts* ta' *Sherbourne Ventures Limited* mill-2008 sad-data tal-ilment.[72] L-Arbitru laqa' t-talba u ordna lill-provditur tas-servizz biex mal-*affidavits* jipprezenta dawn id-dokumenti.[73]

L-ebda *audited accounts* ma gew ipprovduti min-naha tal-provditur tas-servizz.

Waqt is-seduta tal-24 ta' April 2017, Neville Curmi, spjega dan li gej f'dan ir-rigward:

"*Mistoqsi li l-klijenta tieghi talbitni l-accounts finanzjarji ta' Sherbourne Ventures Limited u mistoqsi ghalfejn jien qatt ma tajthomlha, nghid li Sherbourne hi rregistrata Guernsey u m'hemmx obbligazzjoni li jipproducu accounts. Nghid li*

[69] *A fol.* 508
[70] *Ibid.*
[71] *A fol.* 95
[72] *A fol.* 147
[73] *Ibid.*

*fil-bidu tlabna accounts, però, li tawni fil-bidu mhumiex audited. Accounts tal-2009 ghandi, imma minn dak iz-zmien 'l hawn, qalulna li mhux se jibqghu jipproducu accounts*".[74]

**Aspetti ohra fuq Struttura**

Hekk kif indikat fl-arrangament[75] bejn *Marlborough Trust Company Ltd.* u Neville Curmi, u li gie ffirmat minn Neville Curmi fit-22 ta' Ottubru 2007, *Marlborough Trust Company Ltd.* accettat li tipprovdi lil Neville Curmi diversi servizzi li huma mnizzlin bhala:

"*1. Establishment of Trust*

*2. Establishment of Guernsey tax resident company*

*3. All matters pertaining to the purchase of UK property due to be completed on 1st November 2007*

*4. All matters pertaining to the development and sale of the UK property providing that the property is sold within 16 months of purchase*".[76]

Fl-*affidavit* tieghu, Neville Curmi, spjega li l-proprjetà li inxtrat minn *Sherbourne Ventures Limited* tpoggiet gewwa *trust,* il-*Marlborough Trust Company Ltd.* u li

"*Kull pagament li kien mehtieg u kull rikavat ta' flus kien dejjem isir tramite Marlborough Trust, u Curmi & Partners Ltd. qatt ma gestiet flus konnessi ma' dan il-progett u qatt ma kienet direttament responsabbli minn passagg ta' flus li kellu x'jaqsam ma' dan il-progett. Curmi & Partners Limited qatt u qatt ma rceviet ebda flus biex taghmel pagamenti in konnessjoni ma' dan il-progett u ghalhekk ma kien hemm ebda abbuz minna kif allegat mis-Sinjura Doris RF*".[77]

Neville Curmi sahaq ukoll illi l-pagamenti li kienu jsiru minn *Marlborough Trust* lill-kuntratturi ghall-izvilupp kienu dejjem maghmula wara li jkun inhareg l-*architect's certificate* relattiv u x-xoghlijiet ikunu gew approvati u dawn il-pagamenti kienu jsiru minn kont appozitu li *Marlborough Trust* kellha ma'

[74] *A fol.* 509
[75] *A fol.* 212
[76] *A fol.* 215
[77] *A fol.* 170

*Barclays Bank* u li fuqu l-provditur tas-servizz ma kellu l-ebda kontroll jew awtorità.[78]

Fl-*affidavit* tieghu, Neville Curmi, sahaq ukoll[79] li l-provditur tas-servizz ha hsieb jinkariga ditta ta' avukati, Thomas Eggar LLP, stabbilita l-Ingilterra biex tassistih fuq il-progett filwaqt li kien hemm ditta ohra ta' avukati (Scott Walby) li kienu nkarigati biex jaghmlu r-ricerka kollha necessarja fir-rigward tax-xiri tal-*Antelope Hotel* u l-bejgh tal-*units* li gew kostruwiti minflokha. Huwa spjega li kien hemm ukoll ditta ta' periti inkarigati mill-progett.

Wiehed jinnota ukoll li matul l-ispjegazzjoni li pprovda Neville Curmi dwar id-decizjonijiet fuq il-hlas tal-*bonds* ta' *Sherbourne Ventures Limited*, gie indikat li

"*Dawn id-decizjonijiet kienu jittiehdu minn Marlborough Trust taht direzzjoni ta' Curmi & Partners*".[80]

**Involviment iehor**

Neville Curmi sahaq li l-provditur tas-servizz kien investa huwa stess f'ishma f'*Sherbourne Ventures Limited* ghall-ammont ta' GBP100,000 u minn dan l-ammont ma ha xejn lura minhabba li l-bejgh tal-proprjetà ma marx tajjeb.

Waqt is-seduta tal-24 ta' April 2017, Neville Curmi ikkonferma li hu personalment qatt ma kellu *shares* f'*Sherbourne Ventures Limited* imma *Curmi & Partners* kellha "*qisu 20%, 100,000 minn 450,000*".[81] Ikkonferma ukoll li l-istruttura ta' *Sherbourne Ventures Limited* kien issettjaha hu.

Fl-*affidavit* tieghu, Neville Curmi spjega illi l-*bonds* tal-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* kienu thallsu kollha u li:

"*Biex nizguraw illi dawn il-pagamenti jkunu possibbli sahansitra jiena personalment tfajt 600,000 Lira Sterlina minn tieghi go dan il-progett, bhala kapital gdid, sabiex il-hlas kollu jkun jista' jsir*".[82]

Waqt is-seduta tal-24 ta' April 2017, Neville Curmi tenna

[78] *Ibid.*
[79] *Ibid.*
[80] *A fol.* 510
[81] *A fol.* 509
[82] *A fol.* 173

*"li jien personali kont ghaddejt £600,000 lil Sherbourne biex tkun tista' thallas il-bonds. Ghad baqa' outstanding bonds ta' £600,000: dawk jigu covered bil-proprjetà li hemm; u jien avvanzajt £600,000 ohra lill-kumpanija biex jithallsu l-bondholders. Fost il-bondholders kien hemm hafna bondholders zghar, li kienu jweggghu, kieku ma ghamiltx hekk".*[83]

**Ragunijiet u Informazzjoni ohra relatata mal-Valur tal-Ishma**

F'ittra datata 23 ta' Dicembru 2014, il-provditur tas-servizz spjega, fosthom, li

*"The conversion has been completed and five of the eight houses have been sold. The other three are expected to come up for auction within the next few weeks."*[84]

F'ittra ohra datata 11 ta' Marzu 2015 mahruga mill-provditur tas-servizz u indirizzata lill-ilmentatrici, gie indikat li nbieghu zewg proprjetajiet ohra u li l-ahhar proprjetà hija ttamata li tinbiegh malajr ukoll.[85]

Il-provditur tas-servizz spejga f'dan ir-rigward li:

*"Lastly, since our letter dated 23rd December 2014, Sherbourne Ventures Limited completed the sale of two more properties. The sale proceeds of the sixth property were received soon after the letter was mailed out and were paid out on the 20th January 2015 as part of the 50% capital redemption and the full year interest covering 2014. Furthermore, the seventh unit was very recently sold and we are expecting the sale proceeds to reach Sherbourne Ventures Limited shortly. Once the bank confirms receipt of funds we will be paying out these proceeds to the respective investors.*

*Sherbourne Ventures Limited is hopeful that the last property will be sold quite soon and remains committed to repay the above-referred to bond completely by no later than 30th June 2015 together with any interest accrued".*[86]

F'komunikazzjoni datata 29 ta' Dicembru 2015, il-provditur tas-servizz spjega lill-konsulent finanzjarju l-gdid tal-ilmentatrici li ghalkemm il-kumpanija *Sherbourne*

[83] *A fol.* 510
[84] *A fol.* 59
[85] *A fol.* 65
[86] *Ibid.*

*Ventures Ltd.* kienet ghadha topera, il-valur tad-dejn taghha kien approssimattiv daqs il-valur tal-assi u, ghalhekk, l-ishma kienu bla valur.[87]

F'ittra indirizzata lill-ilmentatrici datata 30 Dicembru 2015, David Curmi spjega li l-valur tal-investiment in kwistjoni kien "*Nil*" u li, sfortunatament, ma kienx jara xi rkupru fuq dan l-investiment.[88]

Fl-*affidavit* tieghu (datat 10 ta' April 2017), Neville Curmi spjega li l-valur tal-proprjetà li kellha *Sherbourne Ventures Ltd*. waqa' drastikament wara li s-suq internazzjonali inhakem fi krizi finanzjarja qawwija f'Awissu tal-2008.

Sahaq ukoll illi:

*"Il-bini ta' Antelope Place irriskontra ukoll problemi li ma kinux mistennija u li minhabba fihom zdiedu l-ispejjez. Meta gew ghat-twaqqigh tal-lukanda l-antika irrizulta li kien hemm materjal tal-asbestos fl-istruttura u, allura, l-ispejjez tal-progett kibru konsiderevolment aktar minn dak li kien mistenni. Dan minbarra problemi ohra li bdew jinqalghu fil-kostruzzjoni billi l-binja originali kienet antika u meta bdiet il-fazi tat-twaqqigh bdew johorgu difetti li qabel ma kinux jidhru. Allura, x-xoghlijiet biex tlesta l-progett ukoll hadu aktar zmien minn dak mistenni u per konsegwenza kibru l-ispejjez ghaliex il-haddiema riedu jithallsu ta' hafna aktar granet lavorattivi minn dak mistenni. Marbutin ma' dan il-progett kien hemm bonds li, allura, kellhom jithallsu imghaxijiet fuqhom ghal aktar zmien minn dak originarjament ippjanat. Minflok il-lukanda inbnew tmien units kbar, verament sbieh, u l-proprjetà ghadha sa llum attraenti ferm. Però, minhabba li inhkimna fil-krizi finanzjarja globali u minhabba li l-prezzijiet tal-proprjetà waqghu b'mod in generali, gara li l-qligh mill-bejgh ta' dawn il-units ma kienx tajjeb daqskemm mistenni. Sa llum inbieghu hamsa minn tmien units. Però, nerga' nghid, hadd ma kien qed jistenna li se jigri dan kollu ghaliex il-progett kien mistenni li jmur tajjeb hafna"*.[89]

Wiehed jinnota ukoll li waqt is-seduta tal-24 ta' April 2017, Neville Curmi irrimarka:

[87] *A fol. 82*
[88] *A fol. 105*
[89] *A fol.* 172

*"Nikkonferma li ghad baqa' zewg appartamenti li huma tal-kumpanija. U mistoqsi, allura, fl-2014, kif jien ghidt li l-investiment ta' Mrs RF kien zero u kien ghad fadal assi, u kif iddecidejt li l-investiment ta' Mrs RF hu zero, nghid li veru baqa' zewgt idjar ta' certu kwalità, però kien hemm hafna liabilities; il-bonds issa thallsu kollha. Kien fadal bonds ta' GBP1.4million u l-assi ta' dawn id-djar kienu ta' GBP600,000. Allura, jien bilfors kelli nghidilha li l-valuation kienet zero – ghax kieku kont qed nidhaq biha kieku tajtha verzjoni differenti. Nispjega li ghalkemm fl-affidavit semmejt tliet proprjetajiet, fil-fatt, tnejn kien hemm – dak bi zvista*".[90]

**Osservazzjonijiet Finali u Konkluzjoni**

a) Min-naha ta' licenzja u awtorizzazzjoni tal-providur tas-servizz, huwa nnotat illi l-licenzja mahruga mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (l-*MFSA*) lill-provditur tas-servizz tkopri, fosthom, is-servizz ta' *Discretionary Portfolio Management* lil *retail clients* f'diversi strumenti ta' investiment inkluz *transferable securities.*[91] Ghalhekk huwa kkunsidrat li l-licenzja mahruga mill-*MFSA* kienet tkopri l-possibilità li l-provditur tas-servizz joffri *Discretionary Portfolio Management* f'diversi tipi ta' nvestimenti inkluz ishma, kemm dawk ikkwotati u dawk mhumiex.

b) Meta wiehed ihares lejn il-mandat moghti lill-provditur tas-servizz mill-ilmentatrici, hekk kif rifless fl-uniku *Client Agreement* li gie pprezentat matul dan l-ilment u li huwa datat 2 ta' Settembru 2004, l-arrangament huwa kkunsidrat li huwa wiehed wiesa' fejn ikopri possibiltà ta' investiment f'diversi strumenti ta' investiment. It-tieni sezzjoni intitolata, "*2. Service*" fil-*Client Agreement* tispecifika n-natura ta' numru ta' strumenti ta' investiment lokali u barranin li setghu jigu utilizatti mill-provditur tas-servizz fl-ghoti tas-servizz ta' investiment li kien maghzul li jinghata, jigifieri *Discretionary Portfolio Management.*[92] Wiehed minn dawn l-istrumenti ta' investiment kien "*Shares*" u, fosthom, kien hemm imnizzel fl-arrangament "*any such similar investments unless specifically excluded by this agreement*".[93] Ma hemm xejn rifless fil-*Client Agreement* li jeskludi xi investimenti partikolari jew li jindika li l-investimenti

[90] *A fol.* 509
[91] *A fol.* 192
[92] *A fol.* 150
[93] *Ibid.*

maghzula mill-provditur tas-servizz ghandhom ikunu kollha ikkwotati skont xi direzzjoni moghtija mill-klijent.

c) L-ilmentatrici kellha tliet portafolli sostanzjali ta' investiment b'valur kollettiv ta' 'l fuq minn EUR1.7 miljun[94] f'diversi investimenti li kienu jinkludu *bonds* u ishma. Ghalkemm jidher li f'dawn it-tliet portafolli l-ilmentatrici kienet esposta primarjament ghall-investimenti ikkwotati, jidher izda li mhux l-ewwel darba li l-ilmentatrici kienet esposta ghal investimenti mhux ikkwotati, bhall-investiment gewwa kumpanija lokali[95] bl-isem ta' *Tucan Investments Limited* (li kien parti mill-portafoll G226).[96]

   Investimenti ohra mhux ikkwotati li ssemmew huma dawk fil-*Galileo Limited, Wyndham Enterprises Limited* u *Balford Limited,*[97] kif ukoll investiment fil-kumpanija lokali tan-negozju bl-isem ta' *Charles Grech & Co. Ltd*.[98] izda dawn wiehed jinnota li kienu investimenti li digà kienu saru qabel minn zewgha, hekk kif ikkonfermat mill-ilmentatrici[99] jew mill-provditur tas-servizz stess.[100] L-ilmentatrici kienet esposta tramite numru ta' proprjetajiet immobbiljari li hija kellha f'Malta u proprjetà li kellha gewwa Londra hekk kif indikat mill-provditur tas-servizz.[101]

d) Id-dikjarazzjoni tal-ilmentatrici li hija riedet *low risk investments* u tinvesti b'mod kawt u fi prodotti kkwotati ma tistax tittiehed wahedha izda fl-ambitu tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in kwistjoni fejn jittiehdu in konsiderazzjoni diversi elementi fosthom: l-investimenti l-ohra li kellha, in-natura u l-kompozizzjoni ta' portafolli ta' investiment li kellha u l-ammont li l-investiment fl-ishma tal-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* kien jaghmel komparat mall-portafoll globali ta' investimenti, u l-kontenut tal-*Client Agreement* li ma kienx jeskludi investimenti gewwa ishma mhux ikkwotati u fejn l-istess arrangament kien jipprovdi lill-provditur tas-servizz b'mandat wiesa' u diskrezzjonarju biex jinvesti

---

[94] Il-valur tal-portafolli fil-31 ta' Awissu 2015, kienu indikati bhala EUR697,630.98 ghall-Portafoll G226 (*a fol.* 29), EUR812,913.47 ghall-Portafoll G227 (*a fol.* 31), u EUR197,634.17 ghall-Portafoll G228 (*a fol.* 33).
[95] *A fol.* 392
[96] *A fol.* 175
[97] *A fol.* 171
[98] *A fol.* 176 u 434-438
[99] *A fol.* 507 u 510
[100] *A fol.* 171
[101] *A fol.* 175-176 kif ukoll *a fol.* 171

flusha skont l-oggettivi tal- investiment u l-parametri specifikati fl-istess arrangament.

e) Il-provditur tas-servizz kien ilu ghal diversi snin joffri s-servizz ta' *discretionary portfolio management* lill-ilmentatrici sa mill-inqas Settembru 2004 li hija d-data tal-*Client Agreement*. Mix-xhieda u l-informazzjoni ipprovduta matul dan il-kaz, johrog car li l-provditur tas-servizz kien ilu jaf lill-ilmentatrici u jaf sewwa s-sitwazzjoni personali u finanzjarja taghha.

Il-provditur tas-servizz kien suggett ghal diversi regoli dwar is-*suitability assessment* li kien japplika ghalih dak iz-zmien tal-investiment, b'mod partikolari *Standard Licence Condition* 2.13, 2.16 sa' 2.20 u 2.22 sa 2.24 tal-*Part B* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers* datati 1 ta' Novembru 2007.

*SLCs* 2.13, 2.16 u 2.22 qeghdin jigu pprodotti hawn taht:

*"2.13 When providing investment advice or portfolio management services, the Licence Holder shall obtain the necessary information, in accordance with SLCs 2.16 to 2.20 and SLC 2.22 to 2.24 regarding the client's or potential client's knowledge and experience in the investment field relevant to the specific type of product or service, his financial situation and his investment objectives so as to enable the Licence Holder to recommend to or, in the case of portfolio management, to effect for the client or potential client, the Investment Services and Instruments that are suitable for him.*

…

*2.16 Licence Holders shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

*c. it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio.*

*…*

*2.22 Information regarding the client's or potential client's knowledge and experience in the investment field includes the following, to the extent appropriate to the nature of the client, the nature and extent of the service to be provided and the type of product or transaction envisaged, including their complexity and the risks involved:*

*a. the types of service, transaction and Instrument with which the client is familiar;*

*b. the nature, volume, frequency of the client's transactions in Instruments and the period over which they have been carried out;*

*c. the level of education, profession or relevant former profession of the client or potential client."*

F'dan ir-rigward, huwa meqjus li mill-informazzjoni pprezentata matul dan l-ilment, ma johrogx b'mod konvincenti u kategoriku li l-investiment ma kienx xieraq jew adekwat min-naha tal-kriterji msemmija fir-regoli applikabbli, perezempju, li ma kienx jilhaq l-oggettiv tal-klijent meta wiehed jikkunsidra diversi aspetti fosthom, il-*medium risk to low risk* indikat fil-*Client Agreement* iffirmat mill-ilmentatrici; is-sitwazzjoni finanzjarja tal-ilmentatrici meta hija kellha portafolli ta' investimenti sostanzjali mifruxin gewwa firxa wiesgha ta' prodotti u kienu saru diversi tranzazzjonijiet f'investimenti; jew li l-ilmentatrici ma kinitx f'pozizzjoni li tifhem certu riskji assocjati ma' investiment fi proprjetà meta hija kellha numru ta' proprjetà immobbiljari.

f) Ghal diversi ragunijiet imsemmija hawn fuq, huwa ghalhekk ikkunsidrat li ma hemmx bazi soda u sufficjenti bizzejjed li tiggustifika b'mod konvincenti u ragonevoli l-allegazzjoni li l-provditur tas-servizz ma setax

joffri s-servizz jew xi investiment gewwa ishma ta' xi kumpanija privata li ma kinitx negozjabbli fuq suq kapitali, jew li l-investiment ma kienx xieraq jew addattat fic-cirkostanzi tal-ilmentatrici meta wiehed jikkunsidra d-diversi elementi, fosthom, il-mandat wiesa' u diskrezzjonali li inghata lill-provditur tas-servizz bhala parti mid-*discretionary portfolio management service* li huwa gie inkarigat li joffri.

g) Huwa ikkunsidrat, izda, li fost l-aspetti li qajmet l-ilmentatrici hemm aspett krucjali rigward dan l-ilment li jrid jittiehed in konsiderazzjoni. Dan l-aspett materjali jirrigwarda t-trasparenza, kontabilità u rendikont adegwat fuq l-investiment u l-valutazzjoni tieghu.

F'dan ir-rigward irid jinghad li, ghalkemm ir-ragunijiet li ta l-provditur tas-servizz fuq it-telf tal-valur tal-kumpanija huma plawsibbli, ma gietx ipprovduta informazzjoni adekwata u sufficjenti. Wiehed jinnota li *audit* independenti fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' *Sherbourne Ventures Limited* ma kienx hemm, u fic-cirkostanzi lanqas biss ma gie pprezentat xi rendikont finanzjarju u elenku tal-introjtu u l-ispejjez kollha involuti fil-progett ikkorraborati minn dokumenti ufficjali, kif ragjonevolment mistenni.

Hekk kif ikkonfermat mill-provditur tas-servizz, il-kumpanija *Sherbourne Ventures Limited* kienet twaqqfet mill-provditur tas-servizz stess fejn l-iskop taghha kien biex jinxtara l-*Antelope Hotel.*[102] Il-valur tal-kumpanija spicca gie iddikjarat *nil* minhabba li, hekk kif deskritt mill-provditur tas-servizz, l-ispejjez fuq il-progett eccedew l-introjtu minnu. Dawn id-dikjarazzjonijiet, izda, ma gewx ikkorraborati la b'rendikont dettaljat li juru l-figuri finanzjarji in kwistjoni fuq il-progett kollu u lanqas b'dokumenti ufficjali li jikkorraboraw l-istess figuri.

Min-naha ta' rendikont finanzjarju ta' *Sherbourne Ventures Limited,* din il-kumpanija mhux biss ma kellhiex *Audited Accounts* izda lanqas *Management Accounts* minn wara l-2009, hekk kif iddikjara il-provditur tas-servizz fejn, fis-seduta tal-24 ta' April 2017, qal li:

[102] *A fol.* 508

*"Nghid li fil-bidu tlabna accounts, però, li tawni fil-bidu mhumiex audited. Accounts tal-2009 ghandi, imma min dak iz-zmien 'l hawn, qalulna li mhux se jibqghu jipproducu accounts"*.[103]

Il-provditur tas-servizz kellu kontroll fuq l-istruttura li giet mahluqa ghall-progett in kwistjoni u, allura, huwa kkunsidrat li kien f'pozizzjoni li jizgura li jigu pprezentati rendikonti finanzjarji adekwati u dettaljati fuq il-progett li tkopri l-istruttura ta' kumpanija u *trust* li gew ikreati minnu stess ghall-iskop tal-investiment.

Hekk kif spjegat rigward il-hlas tal-*bonds* li kienet harget *Sherbourne Ventures Limited*, il-provditur tas-servizz iddikjara li:

*"Dawn id-decizjonijiet kienu jittiehdu minn Marlborough Trust taht direzzjoni ta' Curmi & Partners"*.[104]

L-ispjegazzjonijiet bil-miktub moghtija mill-provditur tas-servizz li, ghalkemm il-kumpanija *Sherbourne Ventures Ltd*. kienet ghadha topera, il-valur tad-dejn taghha kien approssimattiv daqs il-valur tal-assi u, ghalhekk, l-ishma kienu bla valur, hekk kif spjegat fil-komunikazzjoni formali bhal dawk datati 29 u 30 ta' Dicembru 2015,[105] ma jistghux jigu kkunsidrati li huma sufficjenti biex jaghtu komfort u serhan tal-mohh la min-naha ta' kontabilità u lanqas li l-ahjar interess tal-investitur kien dejjem zgurat; u li l-progett mexa *at arms length basis;* izjed u izjed, meta l-provditur tas-servizz kien involut huwa stess fil-progett in kwistjoni kemm bhala investitur kif ukoll min-naha ta' direzzjoni.

L-*Investment Services Rules for Investment Services Providers* (*SLC*) mahrugin fl-1 ta' Novembru 2007, li kienu applikabbli ghall-provditur tas-servizz meta sar l-investiment, jishqu li klijent ta' servizzi finanzjarji ghandu jinghata informazzjoni relevanti fuq l-investiment kemm qabel u anke b'mod kontinwu fejn hemm diversi kundizzjonijiet applikabbli f'dan ir-rigward. Fosthom, hemm kundizzjonijiet applikabbli fuq l-ghoti ta' informazzjoni fuq il-metodu u l-frekwenza ta' valwazzjoni tal-investimenti li jifformaw parti mill-portafoll kif ukoll l-ispejjez assocjati mal-investiment

[103] *A fol.* 509
[104] *A fol.* 510
[105] *A fol.* 82 u 105

fejn *Standard Licence Conditions* 2.30(a) u 2.40 tal-*Part B* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers* jispecifikaw dan li gej:

*"2.30 The following information shall also be provided, where applicable, in addition to that required under SLC 2.28 to Retail Clients or potential Retail Clients by Licence Holders proposing to provide portfolio management services:*

*a. information on the method and frequency of valuation of the Instruments in the client portfolio;*

*2.40 The client must receive from the Licence Holder, adequate reports on the service provided to him. These reports shall include, where applicable, the costs associated with the transactions and services undertaken on behalf of the client.*

Kien hemm ukoll diversi kundizzjonijiet li japplikaw min-naha ta' *reporting obligations* fuq is-servizz ta' *portfolio management* bhal *Standard Licence Condition* 2.47 tal-*Part B* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers* li tirrikjedi, fosthom, dan li gej:

*"2.47 In the case of Retail Clients, the periodic statement required above shall include wherever relevant, the following information:*

*…*

*c. a statement of the contents and the valuation of the portfolio, including details of each Instrument held, its market value, or fair value if market value is unavailable and the cash balance at the beginning and the end of the reporting period, and the performance of the portfolio during the reporting period;*

*d. the total amount of fees and charges incurred during the reporting period, itemising at least total management fees and total costs associated with execution, and including where relevant, a statement that a more detailed breakdown will be provided on request".*

Dawn il-kundizzjonijiet juru l-importanza li klijent ghandu jkun jaf bl-ispejjez involuti u jkun infurmat b'mod adekwat fuq il-valwazzjoni tal-portafoll tieghu.

Dan l-aspett wiehed jikkonsidrah fil-kuntest tal-istruttura ta' *Sherbourne Ventures Limited* u l-*underlying project* taghha fejn l-istruttura kienet specifikament ikkrejata mill-provditur tas-servizz biex isir l-investiment fil-progett ta' proprjetà.

Matul il-process ta' dan l-ilment harget ukoll nuqqas ta' carezza, fuq is-sitwazzjoni ezatta tal-progett. Hekk kif indikat hawn fuq, f'ittra datata 23 ta' Dicembru 2014, il-provditur tas-servizz spjega fosthom li

"*The conversion has been completed and five of the eight houses have been sold. The other three are expected to come up for auction within the next few weeks.*"[106]

Ftit xhur wara, f'ittra datata 11 ta' Marzu 2015, il-provditur tas-servizz spjega li nbieghu zewg proprjetajiet ohra u li l-ahhar proprjetà hija ttamata li tinbiegh malajr ukoll.[107]

Fl-*affidavit* ta' Neville Curmi ta' April 2017, Neville Curmi, izda, spjega fosthom li "*Sa llum inbieghu hamsa minn tmien units*",[108] filwaqt li waqt is-seduta tal-24 ta' April 2017, huwa irrimarka fosthom li:

"*Nikkonferma li ghad baqa' zewg appartamenti li huma tal-kumpanija*",[109] kif ukoll ddikjara li "*Nispjega li ghalkemm fl-affidavit semmejt tliet proprjetajiet, fil-fatt, tnejn kien hemm – dak bi zvista*".[110]

Hemm, allura, nuqqas ta' carezza u certu inkonsistenza bejn l-*affidavit* u x-xhieda tal-provditur tas-servizz mal-ittra tal-provditur tas-servizz tal-11 ta' Marzu 2015, li ma jirriflettux l-istess numru ta' *units* residenzjali li baqa' ghall-bejgh fil-progett in kwistjoni.

---

[106] *A fol.* 59

[107] *A fol.* 65 - *"Lastly, since our letter dated 23rd December 2014, Sherbourne Ventures Limited completed the sale of two more properties. The sale proceeds of the sixth property were received soon after the letter was mailed out and were paid out on the 20th January 2015 as part of the 50% capital redemption and the full year interest covering 2014. Furthermore, the seventh unit was very recently sold and we are expecting the sale proceeds to reach Sherbourne Ventures Limited shortly. Once the bank confirms receipt of funds we will be paying out these proceeds to the respective investors. Sherbourne Ventures Limited is hopeful that the last property will be sold quite soon and remains committed to repay the above-referred to bond completely by no later than 30th June 2015 together with any interest accrued".*

[108] *A fol.* 172

[109] *A fol.* 509

[110] *Ibid*.

Ghalhekk ma jitqiesx li l-ilmentatrici inghatat dik l-informazzjoni kollha li kellha dritt ghaliha. Kien hemm nuqqas ta' trasparenza u kontabilità.

Ghalkemm gie indikat li kien hemm terzi persuni imqabbda mill-provditur tas-servizz, bhal avukati, periti u istituzzjonijiet ohra li gew kommissjonati jiehdu hsieb certu aspetti tal-progett, jidher li l-progett kien dejjem taht il-kontroll u direzzjoni tal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, huwa kien f'pozizzjoni li jaghti jew iqabbad terzi persuni indipendenti biex jaghtu rendikont shih finanzjarju tal-progett u hekk ikun hemm carezza, trasparenza u kontabilità.

L-ilmentatrici kellha kull dritt tistenna rendikont shih u informazzjoni adekwata ikkorraborata b'mod xieraq fuq il-progett in kwistjoni.

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet 'il fuq moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru ser jilqa' parti mill-ilment u jichad partijiet ohra kif gej. L-Arbitru qed jichad il-pretenzjonijiet tal-ilmentatrici kwantu li:**

1. **Il-provditur tas-servizzi finanzjarji ma kellux '*licenzja u poter sabiex tinvesti f'ishma ta' kumpanija privata u cioè, Sherbourne Ventures Ltd. li ma kinux negozjabbli fuq suq kapitali'* u, ghalhekk, ma jsibx li l-provditur tas-servizz naqas f'dan ir-rigward. Ghalhekk ma jistax jordna li l-ilmentatrici ghandha titpogga fil-pozizzjoni taghha qabel l-investiment mertu tal-kaz u tithallas tal-kapital investit.**

2. **Ma jsibx li l-provditur tas-servizz espona lill-ilmentatrici ghal riskji konsiderevoli u mhux awtorizzati;**

3. **Izda l-Arbitru qed jilqa' l-ilment parzjalment kwantu li l-provditur tas-servizz naqas milli jaghti informazzjoni u rendikont, kif 'il fuq imsemmi, bi ksur tar-regoli msemmija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.**

**Ghalhekk l-Arbitru, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, ser jaghti kumpens lill-ilmentatrici kif gej.**

**L-Arbitru ma ghandux kwantifikazzjoni preciza ghan-nuqqasijiet tal-provditur tas-servizz f'dan ir-rigward u, ghalhekk, ser juza d-diskrezzjoni li taghtih il-ligi**

**taht l-istess Artikolu 26 u jiffissa ammont ta' hlas li l-provditur tas-servizz ghandu jaghti lill-ilmentatrici.**

**Wara li l-Arbitru haseb fit-tul dwar il-kumpens, fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz, l-Arbitru jiddeciedi li jkun gust, ekwu u ragonevoli li jordna lill-provditur tas-servizzi finanzjarji jhallas lill-ilmentatrici s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000).**

**Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jordna lil *Curmi & Partners Limited* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' ghaxart elef elf ewro (€10.000).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' meta gie intavolat dan l-ilment, jigifieri mis-17 t'Awwissu 2016, sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu tliet kwarti ghall-ilmentatrici u kwart ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**